VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,818, 30 ta' Ġunju, 2017
Taqsima B

A.L. 185 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(Kap. 327)

Statut dwar il-Propjeta` Immobbli tal-Kampus tal-Belt Valletta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 75(2) u 77(d) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-Istatut jissejjaħ l-Istatut dwar il-Propjeta` Immobbli tal-Kampus tal-Belt Valletta'.

L-Applikabilita`

2. Dan l-Istatut ikun applikabbli mil-15 ta' Mejju 2017 'l quddiem.

L-Għanijiet tal-Istatut

3. Kull trasferiment, akkwist, bejgħ u/jew assenjazzjoni ta' drittijiet u obbligi u/jew titlu fuq proprjeta` immobbli sitwata ġewwa Triq San Pawl, il-Belt Valletta, magħrufa bħala 'Il-Kampus tal-Belt Valletta,' li huwa l-fond promotur tal-Universita` ta' Malta, kull deċiżjoni li tittieħed mill-Kunsill minn żmien għal żmien fuq kwalunkwe drittijiet u/jew interessi tal-Universita` nnifisha in konnessjoni magħha, tkun valida biss jekk meħuda unanimament. Kull kwistjoni relatata, fl-isfond storiku, kulturali u valur simboliku tal-Kampus tal-Belt Valletta, għandha tkun meqjusa bħala ħaġa ta' natura straordinarja.

Ir-Rekwiżiti

4. Il-membri kollha tal-Kunsill għandhom ikunu preżenti u għandhom jivvutaw unanimament.

Emenda

5. Vot unanimu huwa meħtieġ għall-fini ta' kull emenda ta' dan l-Istatut.